**Ruling mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-Seduta 414 tal-25 ta' Novembru 2025 dwar tweġiba għal mistoqsija parlamentari**

Fis-Seduta 412 tal-24 ta' Novembru 2025, l-Onor. David Agius talab hekk lis-Sedja:

> "**ONOR. DAVID AGIUS:** Sur President, xtaqt niġbidlek l-attenzjoni għal mistoqsija li għamilt, bin-numru 32436. Għal diversi drabi inti tajt rulings dwar kif jekk ikun hemm informazzjoni f'post partikolari, trid titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Il-Ministru rrispondiet li l-informazzjoni li jien tlabt tiġi ppubblikata fuq il-Gazzetta tal-Gvern u għandi nħares lejn il-Gazzetta tal-Gvern. Għaldaqstant nitolbok tara dan, u tieħu l-passi neċessarji."

Is-Sedja rrispondiet lill-Onor. David Agius:

> "**L-ISPEAKER:** Issa nara kollox."

Is-Sedja tagħmilha ċara, bħalma diġà ddeċidiet f'diversi okkażjonijiet u partikolarment f'wieħed mir-rulings li tat fis-Seduta 92 tat-12 ta' Marzu 2018, meta wara l-ħin tal-mistoqsijiet l-Onor. Robert Cutajar dakinhar kien talab l-intervent tas-Sedja fir-rigward tat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 4635 tal-Onorevoli Membru, peress li ġie riferut għal dokumenti li jinsabu fuq sit elettroniku. Is-Sedja tagħmel referenza għal dan ir-ruling u rulings oħra fejn qalet hekk:

> "Is-Sedja ttenni dak li ġie ddikjarat f'numru ta' rulings preċedenti, fosthom dak mogħti mill-Ispeaker Louis Galea fis-Seduta 205 tal-24 ta' Marzu 2010 u aktar tard minn din is-Sedja fis-Seduta 323 tad-9 ta' Novembru 2015 u ċjoè li f'każ li l-informazzjoni tkun tista' tinkiseb minn fuq sit elettroniku, huwa dejjem rakkomandabbli li titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra kopja stampata tad-dokument u dan biex il-Kamra jkollha rekord tal-informazzjoni mogħtija."

Għalhekk, is-Sedja qiegħda tgħaddi dan ir-ruling lill-Ministru kkonċernat biex tpoġġi d-dokument fuq il-Mejda tal-Kamra.